MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Talba Numru. 1687/2002

**Herbert Warrington**

**Vs**

**Paul Attard u Kenneth Attard ezercenti l-kummerc taht l-isem K&P Attard**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ Lulju 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta’ Lm470 (erba` mija u sebghin Lira Maltin) rapprezentanti danni sofferti mill-attur minhabba xoghol hazin li sar mill-konvenut.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont ta’ Lm470 rapprezentanti danni sofferti mill-attur minhabba xoghol hazin u traskurat li sar mill-konvenuti fuq propjeta` tal-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju 2002 u bl-imghax.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba attrici hija fattwalment infondata, stante illi l-konvenuti wetqu xogholhom kif rikjest u skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk hija legalment infondata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Di piu l-attur ghandu, qabel xejn, jippreciza x'inhuma d-danni allegatament sofferti, kif wasal ghall-ammont pretiz u f'kaz li jirrizultaw, kif inhuma attribwiti ghall-konvenuti.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-lavrant tal-attur huwa bbazat fuq xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha li sar mill-konvenuti fuq inkarigu tieghu. Dana huwa dovut fuq zewg binarji, il-kisi waqa u rega kellu jsir minn terza persuna, ghalkemm obbligaw ruhhom li jaghmluh huma. Kif ukoll li l-arkitett u inginier civili Pietro Laferla kkonferma li l-materjal uzat ma kienx tal-kwalita rikjesta u li l-wicc tal-konkos fejn kellu jtkahhal ma giex imtektek.

Illi per professjoni, l-perit Laferla suppost li jifhem f'xogholu. Ma ghamel l-ebda ndikazzjoni dwar il-wicc tal-pilastri kienx mielah jew le. Li kieku, kien zgur jinduna. Li huwa travolgenti li l-konvneuti ma hassewx in-necessita itektku l-wicc (ghax is-soqfa hekk jaghmlu) pero` il-pilastri kienu fuq barra. Jekk indunaw li effettivament kienu melhin, messhom infurmawh b'dak lil attur u jiehu l-provvedimenti opportuni u/jew jottjenu parir professjonali. Minn dan kollu huma ma ghamlu xejn u qabdu u esegwew l-inkarigu.

Dana jfisser li volontarjament ghamlu xoghol inutili u dahhlu lill-attur fi spiza li setghu facilment jevitawhielu. Ma jagevolhomx il-fatt lil min qabbad warajhom, ix-xoghol ukoll ma rnexxiex. Ai termini tar-relazzjoni peritali l-ispiza giet indikata. Il-konvenuti, fl-avvidavit taghhom, ma kkontestawx l-istess quantum.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannhom ihallsu lill-attur is-somma ta’ Lm470 (erba` mija u sebghin Lira Maltin) bl-interessi bit-8% mill-20 ta’ Lulju 2002 sad-data tal-pagament u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------